# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.2

## Kap 4: Ħarsu ftit 'l hemm

## Lezzjoni 4.2: Ġesù twieled fil-faqar

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. jifhmu s-siwi tal-festa tal-Milied - Ġesù twieled fil-faqar għalina;
2. jitgħallmu kif jiġi ċċelebrat il-Milied madwar id-dinja;
3. japprezzaw l-importanza li jiċċelebraw il-Milied kull sena.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint: Il-faqar kemm hu ikrah!
- Powerpoint : Il-Milied- Kont tafhom dawn?
- Powerpoint : Il-Milied f'postijiet differenti
- Year 4 worksheet 4.2
- -Kant: *Happy Birthday Jesus*

https://www.youtube.com/watch?v=B44dPW08TGg

- *Video - Christmas around the world*

https://www.youtube.com/watch?v=LwN_Kcb-XhM

- *Video - Rick Steve's European Christmas*

https://www.youtube.com/watch?v=YEqCJmOPCik

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi: Il-bieraħ fuqiex tkellimna? Ara li t-tfal isemmu l-Milied, il-faqar li fih twieled Ġesù u dak li hu marbut ma' dawn is-suġġetti.
- Uri l-istampi fuq il-ppt biex it-tfal jiftakru u jempatizzaw ma' dawn it-tfal. Irrevedi magħhom kemm hu ikrah il-faqar.
- Irrevedi l-informazzjoni li t-tfal ikunu ħadu mis-sena ta' qabel permezz ta' din il-ppt. Din il-ppt kienet ingħata b'mod differenti is-sena l-oħra. Imma tajjeb li nirrevedu l-informazzjoni.

  Din l-informazzjni tista tkun utli għalik: L-Ewwel Insara kienu jemmnu li l-anġlu Gabrijel deher lil Marija fil-25 ta' Marzu. Dak in-nhar Marija saret omm u propju disa' xhur wara – fil-25 ta' Diċembru – welldet lil Ġesu'.
- Raġuni oħra hija li l-pagani Rumani kienu jiċċelebraw il-festa tax-xemx, alla tad-dawl, f'daz-zmenijiet. IL-Lhud ukoll jiċċelebraw il-Festa tad-Dawl f'daż-żmien tas-sena, fit-tempju tagħhom ta' Ġerusalemm.
- Biex il-Knisja torbot ma' dawn it-tradizzjonijiet bdiet tiċċelebra il-festa tat-twelid ta' Ġesu' – id-Dawl Tad-Dinja – fil-25 ta' Diċembru.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Staqsi: Għaliex hu tajjeb li niċċelebraw il-Milied kull sena? Ħalli lit-tfal jirrispondu imma spiċċa bil-fatt li tajjeb li niftakru ta' lanqas kull sena niftakru x'għamel Ġesù għalina.
2. Uri l-**Powerpoint Il-Milied f'postijiet oħrajn** qabel timla worksheet. Tista' tuża wkoll xi videos li juru dan ukoll.
3. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.2 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jiftakru fil-powerpoint u jaħdmu bħala klassi Attività 1 fejn huma ser iqabblu d-drawwa mal-pajjiż. Ir-risposti għandhom ikunu dawn: Franza – 3; Svezja – 4; Italja – 1; Awstralja – 6; Afrika t'Isfel – 2; Messiku – 5; Spanja – 7.
4. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mat-tfal ir-risposti t-tajbin. It-tweġibiet għandhom ikunu: Is-Sigra tal-Milied originat fl-Ewropa ta' Fuq; Santa Klaws - fl-ingilterra u l-Presepju origina fl-Italja.
5. Asal għal Attività 3. Kompli d-diskussjoni dwar kemm hu sabiħ li mhux ferħ minn barra biss ikollna, imma wkoll li niftakru li Ġesù twieled biex aħna mmorru l-ġenna.
6. Agħlaq bis-song: Happy birthday Jesus.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Darba fis-sena għandna niftakru bil-verità li Ġesù twieled fil-faqar biex isalvana u jsalva lil kulħadd – lis-sinjuri u lill-foqra.
2. Nuru bil-verità li l-Milied huwa festa kbira billi naraw kif nistgħu nsiru aħjar.
3. Mhux kullimkien hemm l-istess drawwiet tal-Milied.
4. L-ewwel Insara kienu jemmnu li l-Anġlu Gabriel deher lill-Madonna fil-25 ta' Marzu.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jaħdmu biex fl-ambjenti tagħhom, u jaħdmu biex ma jweġġgħu lil ħadd.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Kant: *Happy Birthday Jesus*

https://www.youtube.com/watch?v=B44dPW08TGg

- *Video - Christmas around the world*

https://www.youtube.com/watch?v=LwN_Kcb-XhM

- *Video - Rick Steve's European Christmas*

https://www.youtube.com/watch?v=YEqCJmOPCik

**Nitolbu**

Mulej, inti d-Dawl tad-Dinja. Grazzi talli ġejt fostna biex tnaddafna mid-dnub u nerġgħu nibdew ngħixu ħajja ferħana mimlija paċi u hena.

